

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2022/657****tat-12 ta' April 2022****dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/2209 (EUTM Mali/1/2022)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2013/34/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' EUTM Mali, inkluż deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandanti sussegwenti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għal EUTM Mali.
- (2) Fis-7 ta' Diċembru 2021, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2209 <sup>(2)</sup>, li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Christian RIENER bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM Mali.
- (3) Fil-15 ta' Ottubru 2021, iċ-Ċekja pproponiet il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Radek HASALA biex jissuċċedi lill-Brigadier Ġeneral Christian RIENER bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM Mali.
- (4) Fil-11 ta' Marzu 2022, il-Kumitat Militari tal-UE qabel li jirrakkomanda li l-Brigadier Ġeneral Radek HASALA jissuċċedi lill-Brigadier Ġeneral Christian RIENER mill-21 ta' Ġunju 2022.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Radek HASALA bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM Mali mill-21 ta' Ġunju 2022.
- (6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2209 titħassar.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Brigadier Ġeneral Radek HASALA huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) mill-21 ta' Ġunju 2022.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/2209 hija b'dan imħassra.

<sup>(1)</sup> ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19.<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/2209 tas-7 ta' Diċembru 2021 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1083 (EUTM Mali/2/2021) (ĠU L 447, 14.12.2021, p. 1).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Ġunju 2022.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' April 2022.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK

---